TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 33/13/GB

**Claude Calleja**

**vs**

**Queen's Dry Cleaners**

Illum 6 ta' Novembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-1 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbgha mija hamsa u sittin Ewro u sitta u tmenin centezmi (€465.86), rapprezentanti l-valur ta' suit li kien xtara, il-qalziet ta' liema suit qatt ma gie rritornat lilu wara li ha l-imsemmi suit ghand is-socjeta' ntimata ghas-servizz tad-dry cleaning.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fil-21 ta' Novembru 2012, huwa kien personalment ta lix-xufier tas-socjeta' ntimata, tliet suits u par qalziet tan-nisa. Fis-27 ta' Novembru 2012, meta dawn il-hwejjeg kellhom jigu kkonsenjati lura ghand ir-rikorrent, is-socjeta' ntimata kienet cemplet biex tinformah illi wahda mis-suits ma kenitx tnaddfet sew u li ghalhekk kellha terga' tghaddiha mill-process u li l-konsenja kienet ser issir l-ghada.

Meta waslu l-hwejjeg, ir-rikorrent innota li huwa kien ircieva wahda mis-suits tad-ditta 'Corneliani Brand Milano' bi par qalziet li ma kienux ta' l-istess suit u li ma kienx tar-rikorrent. Dan il-par qalziet kien kulur totalment differenti u b'qies hafna ikbar minn tar-rikorrent. Illi ghalhekk, ir-rikorrent ilmenta mas-socjeta' ntimata, fejn hija baqghet tinsisti li l-qalziet kien l-istess qalziet li r-rikorrent kien taha originarjament. Il-qalziet li r-rikorrent ircieva minghand is-socjeta' ntimata huwa iswed minghajr ebda tabella, meta s-suit li kien baghat ghand is-socjeta' ntimata hija charcoal grey u l-qalziet kellu tabella 'Corneliani'.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' l-invoice bin-numru 041646 u datat 21 ta' Novembru 2012.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Meta x-xufier, Larkin Farrugia, mar ghand ir-rikorrent, huwa tah baskett ta' 'Carpisa' bill-hwejjeg u beda jghidlu x'kien fih, waqt li Larkin kien qieghed jikteb x'kien qed jghidlu, fuq invoice no. 041646. Kif jidher fuq dan l-invoice stess, ir-rikorrent qal li kien hemm: 3 trousers (1 black, 1 blue, 2 grey), 2 jackets (1 black, 1 grey) u 1 black striped suit (2 pieces). Meta Larkin dahhal ix-xoghol tar-rikorrent (li kienu ghadhom fil-baskett) biex jimmarkahom bin-numru 041646, Larkin induna li ma kienux jaqblu ezatt bhal ma qallu r-rikorrent, ghaikemm in-numru ta' l-items qabel. Ghalhekk, Larkin kiteb fuq l-invoice x'kien sab fil-baskett ezattament. Dan ix-xoghol tar-rikorrent kien ukoll innumerat b'tickets ta' 'Swan Laundry', fejn ir-rikorrent fuq din it-talba stess, kiteb li gara l-kaz.

It-talbiet tar-rikorrent huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll legalment, u dan minhabba li s-socjeta' ntimata ikkonsenjat l-istess qalziet li r-rikorrent kien baghat max-xufier. L-agir tar-rikorrent huwa wiehed illegali u abbusiv, fejn hu qieghed jipprova japprofitta ruhu u jaghmel gwadan indebitu. Dan kif jirrizulta ampjament mill-footage ta' CCTV camera.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja ta' l-invoice bin-numru 041646 u datat 21 ta' Novembru 2012, hekk kif emendat mix-xufier Larkin Farrugia.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn zied jistqarr illi fl-2007 huwa kien ha l-qalziet ghand 'Swan' u li meta hadu lura huwa kien uza dan l-istess par qalziet ghal hames snin. Dan l-istess qalziet hadu ghand is-socjeta' ntimata u meta gie lura ma kienx il-qalziet tieghu.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet il-qalziet in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta. Fuq talba tat-Tribunal, is-socjeta' ntimata ezebiet ukoll *animo ritirandi* l-glekk tad-ditta 'Corneliani Brand Milano' tar-rikorrent, li allegatament jifforma parti mis-suit tal-qalziet in kwistjoni.

Xehed Joe Mifsud ghas-socjeta' 'Swan Laundry and Dry Cleaning Co Ltd', prodott mis-socjeta' ntimata, fejn bil-gurament huwa stqarr illi huma ghandhom source document u jaghtu kopja lill-klijent, biex meta jerga' jigi, huma jqabblu dan id-dokument. Kopja tkun mal-borza b'dirty laundry, li tiddeskrivi x'tip ta' xoghol ghandha bzonn, u dettalji ohra mehtiega. Din is-socjeta' ghandha marka li titwahhal ma' l-item u ma tinqalax matul il-process tal-hasil. Ix-xhud ikkonferma li ma jafx lir-rikorrent, pero' li x-xoghol sar tas-Sliema u li l-klijent kunjomu Calleja. Ikkonferma wkoll li n-numru (marka) jibqa' kemm fuq il-glekk, kif ukoll fuq il-qalziet. Ix-xhud stqarr ikkonferma wkoll illi n-numru 34009 jaqbel ma' dak li hemm fuq il-qalziet ipprezentat.

Ix-xhud, Joe Mifsud, ezebixxa dokument, li gie mmarkat bhala Dok.SL1

It-Tribunal jinnota illi n-numru 34009 li nstab fuq 'tag' imwahhal fuq il-qalziet in kwistjoni, jaqbel ukoll mad-dokument ezebiet u mmarkat bhala Dok.SL1, u jinnota wkoll illi ma saret l-ebda kontestazzjoni da parte tar-rikorrent li huwa kien ha l-qalziet in kwistjoni ghas-servizz tad-dry cleaning ghand is-socjeta' 'Swan Laundry and Dry Cleaning Co Ltd' fil-passat.

Xehed Larkin Farrugia, prodott mis-socjeta' ntimata, fejn bil-gurament huwa stqarr illi huwa impjegat bhala delivery man mas-socjeta' ntimata. Huwa kkonferma illi kien gabar ix-xoghol mingahnd ir-rikorrent, fejn ikkonferma wkoll illi l-firma fuq l-invoice hija tieghu. Ix-xhud kompla jghid illi huwa kien kiteb dak kollu li r-rikorrent kien qallu. Meta rritorna x-xoghol rega' ikkopja kollox, kof jaghmel is-soltu, biex jiccekkja x-xoghol, pero' waqt li kien qed jaghmel dan huwa sab qalziet minnhom li l-kulur tieghu ma kienx qed jaqbel ma' dak li kien qallu r-rikorrent. Ix-xhud stqarr illi ma kienx informa lir-rikorrent ghaliex il-kuluri kienu vicin hafna ta' xulxin, jigifieri iswed meta r-rikorrent kien qallu navy blue. Ix-xhud ikkonferma illi r-rikorrent kien qallu li l-qalziet iswed ma kienx tieghu.

Is-socjeta' ntimata ezebiet is-CCTV footage *animo ritirandi* waqt is-seduta.

\

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, b'referenza specifika ghat-'tag' ta' socjeta' terza li nstabet imwahhla fil-qalziet in kwistjoni, in-numru ta' liema 'tag' irrizulta li kien jikkorrispondi mad-dettalji kollha tar-rikorrent, qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**